MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Numru 18/2001

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Ronald Vella**

**Il-Qorti**:

Rat is-sentenza moghtija fis-6 ta' Dicembru 2002 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 18 tas-sena 2001 kontra l-akkuzat Ronald Vella, li bih huwa gie akkuzat talli fl-4 ta’

Dicembru, 1999, f'xi hin wara l-hamsa w nofs ta' filghaxija (5.30 p.m.), fil-post maghruf bhala tas-Sanap limiti tal-Munxar, Ghawdex, dolozament bil-hsieb li joqtol lil martu Jane Vella jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt;

Rat il-verdett tal-gurija ta' llum stess li bih bi tmien (8) voti favur u vot wiehed (1) kontra iddikjaraw lill-akkuzat hati tal-att tal-akkuza;

Tiddikjara ghalhekk lil Ronald Vella hati talli fl-4 ta' Dicembru, tas-sena 1999, f'xi hin wara l-hamsa w nofs ta' filghaxija (5.30 p.m.), fil-post maghruf bhala tas-Sanap limiti tal-Munxar, Ghawdex, dolozament bil-hsieb li joqtol lil martu Jane Vella jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

Rat l-Artikoli 211(1)(2), 492 (2) u 533 tal-Kodici Kriminali;

Qieset il-kondotta tal-hati, il-fatt li l-verdett ma kienx wiehed unanimu, il-fatt li huwa ammetta l-htija tieghu mal-Pulizija kmieni fl-investigazzjoni w mill-banda l-ohra l-mod premeditat, kiefer u kalkolat kif twettaq ir-reat bil-ghan li, kif ammetta hu stess, ma jkunx hemm tracci tieghu w c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz;

Tikkundanna lil hati Ronald Vella ghal tletin sena (30) prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull perjodu li fih huwa dam arrestat preventivament in konnessjoni ma dan il-kaz kif ukoll tikkundanna lill-hati li jhallas lil Gvern ta' Malta s-somma ta' Lm1194.22c,0 ghall-ispejjes tal-perizji a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali";

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzatipprezenta rikors ta' appell fid-19 ta' Dicembru 2002 li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka l-verdett imsemmi tal-gurati u s-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-6 ta' Dicembru 2002 u tordna li jigi registrat verdett ta' mhux hati fil-konfront tieghu u li konsegwentement ghandu jigi liberat minn kull

htija u piena, u subordinatament u fi kwalunkwe kaz li din il-Qorti, f'kaz li tichad l-appell tieghu ghal dik li hija htija, tirriforma s-sentenza appellata ghal dik li hija piena billi tinfliggi piena fil-limiti tal-ligi izda li tkun anqas minn dik inflitta mill-ewwel Qorti u li tkun tirrispekkja c-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Mir-rikors ta' appell jirrizulta li l-appellant ghandu s-segwenti aggravji:

(1) Li mill-provi processwali ma kienx hemm bizzejjed biex il-gurija ragonevolment setghet issib htija fil-konfront tieghu;
(2) Li fil-kors ta' l-indirizz tieghu l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta lill-gurati direttivi ta' ligi zbaljati b'mod li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta' kellha effett determinanti fuq il-verdett raggunt mill-gurati;
(3) Fi kwalunkwe kaz u subordinatament, anke li kieku kellu jigi accettat li l-akkuzat huwa hati, il-piena inflitta fuqu mill-ewwel Qorti hija eccessiva u fic-cirkostanzi tistona mhux ftit.

Din il-Qorti se tibda biex tikkonsidra t-tieni aggravju ta' l-appellant li permezz tieghu huwa jilmenta minn allegati direttivi zbaljati li l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta lill-gurati. Ighid li d-difiza tellghet jixhdu (1) rapprezentant tar-Registru Pubbliku li xehed li ghadu ma harigx certifikat tal-mewt ta' Jane Vella, u (2) rapprezentant tac-Chief Electoral Commissioner li xehed li Jane Vella ghadha tidher fuq ir-registru elettorali. Skond l-appellant, dan juri li hemm dubju dwar il-mewt ta' Jane Vella, izda fir-rigward ta' dawn il-provi u sottomissjonijiet l-Imhallef li ppresjeda l-guri qabez ghal konkluzjonijiet ben diversi minn dawk li kienet qed tipprospetta d-difiza. Ighid fir-rikors ta' appell:

"Fl-Indirizz tieghu lill-gurati, l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri firrigward ta' dawn il-provi u sottomissjonijiet tad-difiza sorprendentement ghazel li jaqbez ghal konkluzzjonijiet ben diversi minn dawk li kienet qed tipprospetta d-difiza! Huwa spjega lill-gurati li bl-ebda mod ma gew pprezentati lill-gurati provi li Jane Vella setghet kienet ghada hajja. Fost l-indikazzjonijiet li ta lill-gurati huwa qal li l-fatt li ma kienx hemm certifikat tal-mewt seta'  kien zball amministrattiv, fejn xi hadd nesa jaghmel xi haga biex jinhareg ic-certifikat. L-Onorevoli Imhallef sahansitra pprova jispjega illi l-Magistrat Inkwerenti, seta' ordna li jinhareg certifikat tal-mewt, izda dan m'ghamlux ghaliex waqfuh hesrem ghaliex resqu l-appellant il-Qorti bl-akkuza ta' omicidju, u dan meta l-Magistrat Inkwerenti xorta wahda jista' jkompli bil-process verbal, anki meta jitressaq persuna fuq il-kas li [dwaru] qed isir l-investigazzjoni. Barra minn hekk dak li l-Onorevoli Imhallef li ippresjeda l-guri naqas li jghid lill-gurati kien li l-Magistrat Inkwerenti ma kienx qed jinvestiga l-qtil ta' Jane Vella, izda l-ghibien ta Mary Jane Vella!

Barra minn hekk, l-Onorevoli Imhallef qal li biex wiehed imut m'ghandux bzonn il-permess tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, haga li hu saqsa direttament lix-xhud. L-Onorevoli Imhallef spjega li l-mankanza ta' certifikat tal-mewt ma jfissirx li wiehed ma jkunx miet, anzi qal li c-certifikati tal-mewt jdumu madwar xahar biex johorgu u b'hekk f'dan ix-xahar xorta wahda l-persuma tkun mejta. Dan l-argument, li l-anqas il-prosekuzzjoni ma fil-fatt pprovat taghmel, hija bi rispett kollu legalment zbaljat u kien biss intiz sabiex flok ihalli lill-gurati liberi jiddeciedu l-importanza ta' dawn il-provi igibhom fix-xejn minn qabel ma l-gurati jibdew jiddeliberaw. Il-fatt li certifikati tal-mewt jdumu xahar biex johorgu huwa biss fatt amministrattiv, ghaliex l-process biex jinhareg ic-certifikat tal-mewt jibda mill-mument li l-mewt tkun gia giet irrapurtata. Fil-kaz odjern, mhux xahar ghadda izda tliet snin u sal-lum m'hemmx certifikat tal-mewt. L-appellant ghalhekk ma jifhimx ghala l-Onorevoli Imhallef ghazel li jiddeskrivi dan bhala xi zball amministrattiv.

Dak li pero` jipprejokkupa l-iktar lill-appellant hija il-konsegwenza legali tal-mod kif l-Onorevoli Imhallef indirizza lill-gurati ghaliex fil-fehma ta’ l-esponent b'dan il-mod mhux biss gie spostat l-oneru tal-prova li effettivament Jane Vella kienet mietet minn fuq il-prosekuzzjoni ghal fuq id-difiza imma l-gurati gew indirizzati b'mod li kellhom evidentement jaslu ghal konkluzjoni li l-provi u sottomissjonijiet tad-difiza fir-rigward ta’ jekk Jane Vella kienetx hajja jew mejta kienet mhux ta’ min joqghod fuqhom. Fi ftit kliem l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda il-guri flok qal lill-gurati: din hi materja ta' certa serjeta`, li l-prova tal-mewt tispetta lill-prosekuzzjoni, u li d-difiza ghamlet sottomissjonijiet fir-rigward li huma kienu fid-dover li jiznu fil-kors tad-deliberazzjonijiet taghhom, qalilhom biex prattikalment jiskartaw it-tezi tad-difiza minghajr ma enfasizza fl-istess hin li l-oneru tal-prova tal-mewt ta Jane Vella kien u jibqa' fuq il-prosekuzzjoni u li ma kienx kompitu tad-difiza li tipprova li hi setghet kienet ghada hajja. L-esponenti jissottometti li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz fejn Jane Vella baqghet ma nstabitx, la hajja u anqas mejta, l-ahhar haga li l-Onorevoli Imhallef kellu jaghmel kienet proprju li jindirizza lill-gurati bil-mod kif indirizzahom.

Biex is-sitwazzjoni issir proprju aktar gravi ghad-difiza fir-rigward tal-prova li Jane Vella kienet ghadha tidher fuq ir-Registru Elettorali ta’ Ottubru 2002, l-Onorevoli Imhallef indirizza bl-aktar mod car lill-gurati biex ma jaghtux kas din il-prova, ghaliex fost ohrajn, skond hu anki l-partiti politici jargumentaw bejniethom ghaliex jghidu li jivvotaw il-mejtin. L-appellant jissottometti bir-rispett li l-Onorevoli Imhallef ma kellu ebda dritt jindirizza lill-gurati biex jiskartaw din is-sottomissjoni flok ihallihom liberi jiddeciedu huma kelliex importanza fil-kwadru generali ta' jekk il-prosekuzzjoni kienetx ippruvat il-mewt ta’ Jane Vella ‘l hemm mid-dubbju ragonevoli. Anki hawn, l-appellant jissottometti illi l-gurati gew zvijati b’mod sostanzjali f'kaz fejn ma kien instab ebda kadavru.

L-Onorevoli Imhallef, inoltre inkorra f'diversi zbalji legali ohra fil-kors tal-indirizz tieghu meta kien qed jipprova jispjega lill-gurati id-difiza li pprezenta l-akkuzat, li ma

kienx hemm provi ‘l hinn minn kull dubju ragonevoli tal-mewt ta Jane Vella, kif kien qed jigi allegat mill-prosekuzzjoni. Korrettement huwa qal li l-fatt li ma jinstabx il-kadavru ma jfissirx li ma kienx hemm il-mewt, izda naqas jispjega lill-gurati li xi forma ta' provi jrid ikun hemm. Tant kien hemm enfazi fuq il-fatt li m’hemmx bzonn tal-kadavru, li l-gurati certament hadu l-impressjoni li Jane Vella kienet certament mejta. Fil-fatt l-Onorevoli Imhallef sahanistra qal li hemm espressjoni bit-Taljan 'non si e` fatta viva' u b'hekk jekk ma tfaccatx b'hekk hija tigi awtomatikament mejta. Id-Difiza sostniet li jrid ikun hemm provi sufficjenti skond il-ligi biex juru li Jane Vella fil-fatt mietet kif hemm fl-Att tal-Akkuza u imbaghad li inoltre inqatlet mill-appellant. Dan jassumi importanza massima f'dan il-kaz ghaliex anki jekk irridu nistriehu fuq l-istqarrijiet ta' l-appellant, hu qal li tefaghha minn fuq l-irdum, haga li meta t-Tabib Mario Scerri irrefera ghaliha huwa qal li kollox seta' gara u li wiehed ma jistax awtomatikament jikkonkludi li hija kienet mietet. L-appellant jenfasizza il-mewt ta’ l-allegata vittma trid tigi pprovata fl-istess grad ta' l-elementi ohra tar-reat ta’ omicidju volontarju skond l-artikolu 211 tal-Kodici Kriminali. F'dal-kaz, invece, l-Onorevoli Imhallef sposta l-oneru tal-prova jew imminimizzah meta wasal biex jghid li jekk m’hemmx provi tal-hajja, b’hekk wiehed jista’ jikkonkludi li hemm il-mewt! L-appellant ma jaqbel xejn ma' dan u konvint li dan influwenza lill-gurati indebitament kontrih.

Illi fl-indirizz tieghu lill-gurati l-Onorevoli Imhallef kategorikament idderigihom biex jaraw il-fatti kif kienu pprezentati mill-partijiet, izda fl-opinjoni umli ta' l-appellant sar enfazi wisq fuq id-dubbju li pprezentat il-prosekuzzjoni fuq certu xhieda, b'mod partikolari Daniela Formosa u Julian Vella li xehdu x'ghamel Ronald Vella, fl-4 ta Dicembru 1999. Fost affarijiet ohra Daniela Formosa xehdet li Ronald Vella dam biss bejn kwarta u nofs siegha minn meta hu wassal it-tifel u meta rega' gie lura ghat-tifel. Il-prosekuzzjoni saqsiet min kellu interess li jnaqqas il-hinijiet. Apparti l-fatt li Daniela Formosa, tat estimi wiesa' ta' kwarta, l-Onorevoli Imhallef mar oltre u qal li mhux kulhadd ghandu sens ta’ hin u hemm min ma jafx jikkalkula kemm ghadda hin minn avveniment ghall-iehor.

Din hi haga li trid tigi pprovata mill-prosekuzzjoni, stante li l-kalkolu tal-hin hu tant importanti f'dan il-kas, ghaliex jekk anki ghaddew nofs siegha, minn mindu li Jane Vella u l-appellant hallew it-tifel ghand Regina Zerafa u meta Ronald Vella rega' irritorna, b'hekk kien impossibbli li jaghmel dak kollu li l-appellant jghid li ghamel fl-istqarrija tieghu li giet pprezentata lill-gurati. L-Onorevoli Imhallef ghal darba ohra hareg argumenti li marru oltre minn dak li ghamlet il-prosekuzzjoni fir-replika taghha u li ma setghu servew ghal xejn aktar hlief biex igibu fix-xejn l-isforzi tad-difiza.

Fl-ahharnett l-appellant jilmenta li l-Onorabbli Imhallef fl-indirizz tieghu, meta kien qed jispjega l-obbligi tal-gurati u kif ghandhom jiddeciedu l-akkuza li ghandhom quddiemu, naqas jispjega li kien hemm il-possibilita` li l-gurati jirrakkomandaw il-klemenza."

Fit-termini ta' l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali l-funzjoni ta' l-Imhallef fil-guri fl-istadju ta' l-indirizz hija li jfisser lill-guri x-xorta u l-elementi tar-reat migjub fl-att ta' akkuza, kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f'dak il-kaz partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-guri u li jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghhom, ifisser lill-guri s-setghat li ghandu fil-kaz partikolari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex triegi u turi lill-guri kif ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu.

Bhalma qalet din l-istess Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mohamed Saleh Ahmed Shnaina** moghtija fil-11 ta' Dicembru 2003:

**"Huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu f'dan ir-rigward huwa l-principju bazilari ta' ekwita` u gustizzja li ghandu jirregola l-materja ta' l-indirizz u del resto tal-process kriminali kollu kemm hu, u cioe` li l-gurati ghandhom jitpoggew fl-ahjar posizzjoni possibbli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli, u fuq kollox**

**li l-istess indirizz ikun bilancjat b'mod li l-gurati jkunu konxji l-ewwel u qabel kollox, illi huwa l-istess Imhallef li huwa imparzjali fir-rigward tal-htija o meno ta' l-akkuzat u li ma jkunx wera preferenza jew ta aktar importanza lejn naha jew ohra."**

Certament huwa facli li jigu kkritikati siltiet u frazijiet ta' indirizz, izda, apparti li dawn iridu jigu kkunsidrati fil-kuntest taghhom, ghandu jigi kkunsidrat ukoll l-indirizz fit-totalita` tieghu.

Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990), tghid:

**"Whatever mode of summing-up the judge employs he must ensure that the defence is outlined fairly. How this is done is governed by open-ended rules. The judge must put the 'substance' of the defence, however weak, save where the accused has failed to discharge an evidential burden. '[T]hat does not mean to say he is to paint in the details or to comment on every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence which has been given…' (per Goddard LCJ, *Clayton-Wright* (1948) 33 Cr App R 22 p. 29). As the New Zealand Court of Appeal stressed in *R. v. Ryan* (per Richmond J., [1973] 2 NZLR 611 at p. 615): *'Each case obviously must be judged having regard to its own particular facts. In some cases it may be sufficient for the Judge to refer in the most general terms to the issues raised by the defence, but in others it may be necessary for him not merely to point out in broad terms what the defence is but to refer to the salient facts and especially those upon which the accused based his defence. Again, an election by the Judge to embark on a discussion of the evidence and inferences therefrom which are favourable to the Crown may throw upon him the duty of making some reference to any important features of the case which militate against those inferences'.***

**The summing-up, in other words, should look balanced, and any defence which is not merely fanciful or speculative, particularly in a homicide trial, must be put to the jury…The Judge can, of course, comment adversely on an unconvincing defence…" (pp. 178-180).**

U f'**Blackstone's Criminal Practice 2001** (para. D15.16, p.1448) naqraw:

**"Provided he emphasises that the jury are entitled to ignore his opinions, the judge may comment on the evidence in a way which indicates his own views. Convictions have been upheld notwithstanding robust comments to the detriment of the defence case (e.g. *O'Donnell* (1917) 12 Cr App R 219, in which it was held that the judge was within his rights to tell the jury that the accused's story was a 'remarkable one' and contrary to previous statements that he had made). However, the judge must not be so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (*Canny* (1945) 30 Cr App R 143, in which a conviction was quashed because the judge repeatedly told the jury that the defence case was absurd and that there was no foundation for defence allegations against the prosecution witnesses). It is the judge's duty to state matters 'clearly, impartially and logically', and not to indulge in inappropriate sarcasm or extravagant comment (*Berrada* (1989) 91 Cr App R 131)."**

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet ta' l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, hi tal-fehma li dan hu, fis-sustanza tieghu, wiehed bilancjat u korrett. L-indirizz iqieghed quddiem il-gurati l-punti legali kollha li kienu “in issue”, ipoggi quddiemhom il-linji difensjonali kollha, u b’mod partikolari jhalli lill-gurati fil-liberta` li jiddeciedu dwar ir-rizultanzi fattwali in omagg ghall-principju, li johrog mill-Artikolu 436(2) tal-Kodici Kriminali, li l-gurati huma l-imhallfin tal-fatt.

Sa mill-bidu nett fl-indirizz tieghu, l-Imhallef li ppresjeda l-guri sahaq fuq il-punt li l-gurati huma l-imhallfin tal-fatti u li sahansitra dak li huwa seta' jghid waqt l-indirizz ma kienx jorbothom. Spjega x'inhu l-grad ta' prova li l-prosekuzzjoni trid tilhaq u l-elementi tar-reat in kwistjoni li jridu jigu ppruvati mill-prosekuzzjoni. Iddelineja s-sottomissjoni tad-difiza li ma kinitx saret il-prova tal-mewt u spjega, korrettement, kif jammetti l-appellant stess, li sabiex ikun hemm akkuza u tinstab htija ta' omicidju volontarju m'hemmx ghalfejn jinstab il-kadavru. Difatti, kif naqraw f'**Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003** (para. 19-9, pag. 1614 intestat *Absence of body*):

**"Evidence afforded by the accused himself is sufficient: *R. v. Davidson*, 25 Cr.App.R. 21, CCA. The fact of death is also provable by circumstantial evidence, notwithstanding that neither the body nor any trace of the body has been found: *R. v. Onufrejczyk* [1955] 2 Q.B. 388, 39 Cr. App.R. 1, CCA. Before the defendant can be convicted, the fact of death should be proved by such circumstances as to render the commission of the crime certain and leave no ground for reasonable doubt. The circumstantial evidence should be so cogent and compelling as to convince a jury that on no rational hypothesis other than murder can the facts be accounted for: *ibid*."**

Certifikat tal-mewt jikkostitwixxi prova dwar il-mewt ta' persuna. In-nuqqas ta' certifikat tal-mewt pero` ma jfissirx necessarjament li ma sehhitx il-mewt ta' dik il-persuna. Mill-banda l-ohra l-fatt li persuna ghandha isimha mnizzel fir-registru elettorali ma jfissirx li necessarjament hija hajja. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kummenti li ghamel l-Imhallef li ppresjeda l-guri fir-rigward tal-provi tad-difiza li ghadu ma nharigx certifikat tal-mewt ta' Jane Vella u li isimha ghadu jidher fir-registru elettorali, ma kinux xi kummenti stravaganti, u kellu kull dritt jaghmilhom. Konsegwentement kien ukoll korrett meta kkonkluda fuq dawn il-provi billi qal li *"dawn il-provi li saru mid-difiza jippruvaw dak li jippruvaw, illi certifikat tal-mewt sallum ma hemmx, u jippruvaw illi dina ghadha fuq ir-registru elettorali u r-raguni li qalilna dak l-ufficjal hija li*

*hadd qatt ma hadilhom certifikat tal-mewt. U mela sakemm ma jkunx hemm certifikat tal-mewt din x'aktarx ser tibqa' tidher fuq ir-registru elettorali"*. Fl-istess hin, tul il-perkors ta' l-indirizz ma cahhad qatt lill-gurati milli jezercitaw ir-raguni taghhom biex jiddeciedu jekk sehhitx il-mewt ta' Jane Vella jew le, anzi enfasizza diversi drabi li din il-kwistjoni kellha tigi deciza minnhom bhala kwistjoni ta' fatt[1].

Anke dwar il-kwistjoni ta' l-apprezzament ta' hin li dwaru l-appellant jilmenta li l-Imhallef li ppresjeda l-guri mar oltre fil-kummenti tieghu, din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura. Il-brani rilevanti ta' l-indirizz huma s-segwenti:

"Per ezempju ssemmiet il-kwistjoni tal-hin - issa hawnhekk fil-fatt, dejjem qed nitkellmu l-maggor parti tax-xhieda li gew, li ngabu fuq hin, u fuq gurnata partikolari, qed nitkellmu fuq filghaxija u mhux filghodu, imma l-hinijiet jilaghbu bejn il-hamsa u s-sebgha u nofs - u min jikkompressahom, u min jonfohhom, u min itawwalhom, jista' jkollha importanza din, minhix qed nghid li ma jistax ikollha importanza, pero` hija haga soggettiva hafna, bhal hin per ezempju - hawn min ma ghandux ideja ta' hin. Jekk nistaqsikom kemm ilni nitkellem jiena minghajr ma tharsu lejn dak, nahseb illi kollha ser tohorgu b'verzjoni differenti …. Ghax hemm hekk imbaghad jidhlu affarijiet ta' interpretazzjoni soggettiva, li jigu mix-xhieda, li qatt ma tistenna l-perfezzjoni fihom u li jkunu jaqblu preciz dawn. U affarijiet ohra ukoll. Imma halli naghti l-ezempju tal-hin ghax il-hin gie dibattut miz-zewg nahat hawn illum. Hemm certi affarijiet li dak li jkun jghidlek imma dina possibbli grat f'nofs siegha - tliet kwarti? Jew f'kwarta sa nofs siegha, u allura tibda tghid imma min qed jghid il-verita` hawn ekk? Jista' jkun qed jghidu l-verita` kollha semplicement ghax ghandhom apprezzament differenti ta' kif jikkalkolaw il-hin. Hawn min ikun qed jghum u tghidlu x'hin hu, u mingajr ma jhares lejn l-arlogg, ghax naturalment la ma jkunx waterproof mhux ser inizzel l-arlogg mieghu ghax ixarrbu, jghidlek il-hin preciz ghax ikollu sens ta' hin preciz, u hawn min tghidlu u jghidlek il-

[1] Ara per ezempju t-traskrizzjoni ta' l-indirizz pagni 16, 24, 25, 27, 30 u 46.

hdax u jkun nofs in-nhar, u jghidlek il-hdax u jkunu s-siegha u kwart ghax m'ghandux hjiel ta' hin. U hawn min hames minuti jghidlek domt nofs siegha - imbaghad tghidlu kemm per ezempju, kemm ilni nitkellem jiena, jghidlek iva - tghidlu dawk erba' minuti u nofs.

Jigifieri dawn biex infehemkom, minghajr ma naghmlu enfazi kbira fuqha din, illi tistennewx li l-istampa tal-jigsaw puzzle ser tiffittjalkom kollha sal-ahhar wahda ….".[2]

"Imbaghad, sewwa, imbaghad xehdet Daniela Formosa l-gharusa ta' huh, u dina qed tinghata certa importanza lilha mid-difiza, ghaliex il-hin li tat, bejn il-hin minn x'hin suppost li gab it-tifel u l-hin suppost li gie lura - kwarta, nofs siegha - id-difiza tghidilkom f'dan il-hin hekk qasir, ma setghux saru dawk l-affarijiet kollha li setghu saru. Dina hija issa kwistjoni ta' fatt li, tiftakru x'qalu z-zewg avukati, tridu tghasruhom dawn, taraw meta nitkellmu fuq hin hix haga soggettiva dina ghax kif qalilkom hu stess hadd ma ser jimxi bl-arlogg f'idu - ara issa d-disgha u nofs u minuta, minn hawn u hemm isiru d-disgha u nofs u minuta u tliet sekondi. In-nies fid-dinja mhux hekk jaghmlu - ghandhom filghodu u wara nofsinhar, bin-nhar u bil-lejl, waqt li tibda wara l-erbgha sas-sitta mod u dan kollu. Ftit huma dawk li li ghandhom sens ta' hin preciz kif ghidtilkom il-bierah, illi jolqotha bl-ezatt. Issa jew ghax ikun josserva t-temp jew gahx ikun josserva l-ajru ghax ikun kaccatur jew nassab jew sajjied, allura jkollu naqra aktar ideja, anke mid-dawl tax-xemx jiehu ideja kemm sar hin u kemm ma sarx. Meta jidlam imbaghad hemm m'hemmx xemx, mela ma hemmx wisq x'jghidlek, ikollok f'mohhok certu sens li tkejjel il-hin".[3]

Dawn il-brani jikkontjenu spjegazzjonijiet u kummenti legittimi, bazati fuq, u konsegwenti ghal, sottomissjonijiet li saru mill-partijiet, intizi biex jghinu lill-gurati jaghmlu l-konsiderazzjonijiet gusti taghhom u mhux biex icahduhom mid-dmir u l-obbligu taghhom li jiddeciedu dwar il-fatti; anqas ma kienu intizi jew kienu jtendu, kif jghid l-appellant

[2] Ara traskrizzjoni indirizz pagna 8 u 9.
[3] Traskrizzjoni ta' l-indirizz pagna 41.

fir-rikors ta' appell tieghu, "biex igibu fix-xejn l-isforzi tad-difiza".

Fl-ahharnett l-appellant jilmenta li l-Imhallef li ppresjeda l-guri naqas milli jispjega lill-gurati li kien hemm il-possibilita` li jirrakkommandaw il-klemenza. Dan ma hu nuqqas xejn peress li l-ligi ma tippreskrivix li fl-indirizz tieghu l-Imhallef li jippresjedi l-guri ghandu jaghti tali spjegazzjoni.

Konsegwentement it-tieni aggravju huwa michud.

Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jilmenta li assolutament ma kienx hemm provi sufficjenti biex gurija ragonevoli setghet tasal ghall-konkluzjoni ta' htija oltre d-dubbju ragonevoli. Jissottometti:

"(a) Jekk wiehed jiehu l-istqarrija li ghamel l-appellant bil-miktub lill-pulizija bhala fatt u jikkonsidra l-hin li ghamel bejn meta wassal lit-tifel liz-zija Regina Zerafa sa meta rega' mar lura, li skond Daniela Formosa dam biss bejn kwarta u nofs siegha, kien impossibbli li hu jmur Sanap, Ghawdex, idum jitkellem fuq pizza mal-mara fil-karrozza ghal kwarta, imorru mixja ma' l-irdum, jitfaghha ghal isfel, imur lura fil-karrozza u jsuq lejn iz-zija tieghu.

(b) Huwa car minn kif agixxa l-appellant meta wasal ghand iz-zija li m'ghamel xejn barra min-normal u ma hemm l-ebda indikazzjoni li tefa' l-mara minn fuq l-irdum, haga li jikkomwovi b'xi mod kwalunkwe persuna, specjalment l-appellant li m'ghandux storja ta' kriminalita` u vjolenza.

(c) L-aktar importanti hu li m'hemm l-ebda prova tal-mewt ta' Jane Vella. Skond il-provi li gew ipprezentati kien hemm *search* intensiv mill-pulizija u l-armata fuq l-art, fuq u taht il-bahar u anki fl-ajru u ma ntlemah l-ebda kadavru. Barra minn hekk ma kien hemm l-ebda sinjali forensici li Jane Vella ntefghet minn fuq l-irdum ta' Sanap. Il-konfigurazzjoni ta' l-irdum juri l-probabilita` li jekk persuna [t]intefa' [t]miss ma' l-irdum. Ma kien hemm l-ebda prova ta' vjolenza jew ta' xi tip ta' glied sew fuq l-irdum ta' Sanap

u anki f'xi post iehor bhal fir-residenza ta' Jane u Ronald Vella, jew fil-vettura taghhom. L-appellant ma kellux sinjali fuqu ta' glied, kif kien allega li sar fl-istqarrija tieghu.

(d) Konsiderazzjoni ohra li ghandu mill-inqas jindika lejn il-fatt id-dubju tal-mewt ta' Jane Vella, hija li ssofri minn depression u kienet ghamlet xi zmien l-Isptar mentali ta' Ghawdex u kienet qed tiehu pilloli biex tikkontrolla d-depression u stat ta' ansjeta` taghha."

Hawn qeghdin fil-kamp ta' apprezzament tal-provi u fatti rizultanti. Din il-Qorti hi Qorti ta' revizjoni u, in ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi d-deposizzjonijiet tax-xhieda, id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legittimament u ragonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta' l-appellant ta' l-unika akkuza dedotta kontra tieghu. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti, u dan qed jinghad ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn iktar, hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legittimament u ragonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija *"properly directed"* ma setghet legittimament u ragonevolment tasal ghalih. Bhalma jghid Lord Hailsham L.C. f'*R. v. Lawrence* [1982] A.C. 510 at 519, H.L. (Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2001, para. 4-368, p. 453):

**"[A direction to a jury] should also include a succinct but accurate summary of the issues of fact as to which a decision is required, a correct but concise summary of the evidence and arguments on both**

**sides and a correct statement of the inferences which the jury are entitled to draw from their particular conclusions about the primary facts."**

Minn dak li rat u qrat din il-Qorti, ma jidhirx li hemm xi raguni valida fit-termini appena msemmija ghaliex ghandha b'xi mod tvarja xi haga minn dak li ddecidew il-gurati bil-verdett taghhom dwar il-htija ta' l-appellant. Il-provi huma tali li a bazi taghhom, fl-assjem taghhom, il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jikkonkludu kif ikkonkludew. Il-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi u jaraw ukoll ghal liema mill-verzjonijiet ta' l-appellant kienu se jaghtu affidament. Evidentement il-gurati, li kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha u jaghmlu l-mistoqsijiet kollha li dehrilhom rilevanti, waslu ghall-konkluzjoni li jaghtu affidament ghall-ahhar verzjoni ta' l-appellant, cioe` dik li kien hu li tefa' lil martu minn fuq l-irdumijiet ta' Sanap f'Ghawdex.

Mill-provi fil-fatt jirrizulta li l-appellant ta diversi verzjonijiet dwar l-ghibien ta' martu. L-ewwel verzjoni taha meta fil-5 ta' Dicembru 1999 fin-12.30 a.m. cempel l-ghassa tar-Rabat, Ghawdex, u kellem lill-*orderly* P.C. 816 John Mary Cassar u nfurmah li kien wassal lil martu ghall-quddiesa tas-sitta f'Manresa House u ma kinitx irritornat id-dar. Lil P.S. 1346 Anton Schembri jidher li ta l-istess verzjoni u qallu li kien mar biex jigbor lil martu wara l-quddiesa u ma sabhiex, baqa' sejjer ghat-tifel tieghu minghand iz-zija tieghu fis-Sannat, u mar f'daru. Meta aktar tard gie interrogat mis-Supretendent Paul Sammut, ghall-ewwel baqa' jsostni l-istess verzjoni izda, fuq insistenza tal-Pulizija li ma kinux qed jemmnuh, beda jibki u biddel il-verzjoni u qal li fil-fatt martu kienet qabzet mit-Toqba tal-Klieb fejn kienu marru flimkien. Huwa anke ha lill-Pulizija fuq il-post biex jindikalhom minn fejn qal li kienet qabzet. Sussegwentement gie interrogat ukoll mill-Assistent Kummissarju John Rizzo u baqa' jsostni t-tieni verzjoni. Hin minnhom baqghu ma' l-appellant P.S. 812 Salvu Spiteri u P.C. 982 Martin Vella. Wara li dawn insistew

mieghu li ma kinux qeghdin jemmnu l-verzjoni li Jane Vella kienet qabzet, l-appellant infaqa' jibki u qallhom li kien imbuttaha minn fuq is-sies ghal isfel fl-istess post li kien indika lill-Pulizija qabel. P.S. 812 informa minnufih lill-Ispettur Paul Vassallo li mar ikellem lill-appellant u dan stqarr l-istess haga mieghu ukoll[4]. Din il-verzjoni mbaghad baqa' jsostniha meta ghamel stqarrija fl-istess gurnata, cioe` fil-5 ta' Dicembru 1999 fl-4.10 p.m. quddiem l-Ispettur Carmel Bartolo fil-prezenza ta' l-Ispettur Antonello Grech. L-istqarrija bdiha billi qal li kien lest jghidilhom il-verita` u fil-kors tal-istess stqarrija stqarr mill-anqas tliet darbiet ohra li kien qed jghid il-verita`. Lejn l-ahhar ta' l-istqarrija nsibu dawn il-mistoqsijiet u twegibiet pjuttost sinifikanti:

*"M: Dan kollu li ghidtilna hu l-verita`?*
*T: Iva.*
*M: Lest li dan tghidu bil-gurament allavolja tista' tinkrimina ruhek?*
*T: Iva, ghax jiena minn hemm tfajtha, dik il-verita`."*

Fil-fatt dakinhar stess l-appellant deher quddiem il-Magistrat Inkwerenti Dott. Paul Coppini u bil-gurament tieghu kkonferma l-kontenut kollu ta' l-istqarrija li kien ghamel lill-Pulizija. Din l-istqarrija kkonfermata bil-gurament tikkontjeni rakkont dettaljat ta' dak li gara lejliet u dak li wassal lill-appellant biex jiddeciedi li *"jehles"* minn martu. Din il-Qorti ezaminat din l-istqarrija u kkonfrontatha mal-punti l-ohra kollha msemmija mill-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu u fil-kors ta' trattazzjoni ta' dan l-appell, u tirribadixxi li ma ssibx raguni valida biex tiddipartixxi mill-verdett raggunt mill-gurati.

Jista' per ezempju jinghad li mix-xiehda li tat Daniela Formosa din il-Qorti ma thossx li ghal dak li hu kalkolu ta' hin wiehed jista' wisq jorbot fuqha ghal dik li hi precizjoni. L-atteggjament "normali" ta' l-appellant x'aktarx hu attribwibbli ghall-fatt li, kif jirrizulta mill-istess stqarrija, kien ilu jikkontempla joqtolx lil martu, u l-komportament tieghu wara, li jiddeskrivi fl-istqarrija, jindika li kien kuntent li kien

4 Ara notamenti ta' l-Ispettur Vassallo a fol. 239 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.

wettaq dan id-delitt. Il-fatt li ma nstabx il-kadavru ma jfissirx li ma sehhitx il-mewt ta' Jane Vella, aktar u aktar meta jammetti l-appellant stess li kien imbuttaha minn fuq l-irdum u meta jirrizulta li dakinhar kien il-maltemp bil-possibilita` - u fil-fatt hekk gara - li jibqa' ma jinstabx il-kadavru. In-nuqqas ta' sinjali forensici ma jxejjinx l-ammissjoni ta' l-appellant anke in vista tal-fatt li fil-post fejn l-appellant qal li tefa' lil martu jidher li hemm *"a vertical drop"*.[5] Kuntrarjament ghal dak li semma' l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu, mill-istqarrija ma jirrizultax li ndika li seta' kellu xi offizi fuq il-persuna tieghu kawzati mill-glied, ossia argumenti, li jghid li kien ikollu mal-mara tieghu. Fl-ahharnett, dwar l-istat ta' depression li allegatament kellha Jane Vella, dan wahdu ma jispjegax l-assenza taghha ghal tant snin, aktar u aktar fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-appellant dwar dak li effettivament gara.

Ghaldaqstant l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa michud.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jghid li l-piena nflitta hi eccessiva u tistona hafna ma' pieni ohra moghtija mill-Qorti Kriminali f'kazijiet ohra hafna aktar gravi. Isostni li, kunsidrata l-intenzjoni li l-artikolu 211 tal-Kodici Kriminali jikkontempla, kien il-kaz li jinzamm bilanc u proporzjon aktar. Il-piena nflitta ma tirriflettix il-fatti tal-kaz u minkejja l-verdett ta' htija li hemm, xorta wahda hemm numru ta' dubji fil-kaz odjern. Dan apparti l-fatt li l-verdett ma kienx unanimu u dan ma ttehidx in konsiderazzjoni.

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti kkunsidrat dak kollu li kien hemm x'jigi kkunsidrat meta ghaddiet biex tistabilixxi l-piena. Difatti hawn ghandna kaz fejn il-piena massima kienet ta' prigunerija ghall-ghomor mentri l-ewwel Qorti nizlet bi grad skond l-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali biex b'hekk giet li kkunsidrat, kif stqarret hi stess fis-sentenza taghha, il-fatt li l-verdett ma kienx

---

[5] Ara rapport ta' l-espert forensiku Dr. Mario Scerri anness ma' l-atti tal-kumpilazzjoni fejn, a *fol.* 116 ighid: *"Illi ghalkemm vizwalment u mill-evidenza fotografika jidher li mill-post indikat hemm vertical drop ghall-bahar minghajr ostakoli, test drop ma sarx jew jekk sar dan ma sarx fil-prezenza tal-esponent"*.

wiehed unanimu (8 - 1). Id-dubji li jirreferi ghalihom l-appellant ma jezistux f'mohh din il-Qorti; u dak li jirrizulta mill-istqarrija tieghu hu, fi kliem is-sentenza ta' l-ewwel Qorti, *"[i]l mod premeditat, kiefer u kalkolat kif twettaq ir-reat bil-ghan li, kif ammetta hu stess, ma jkunx hemm tracci tieghu"*.

Fis-sentenza taghha tad-19 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Basam Mohamed Gaballa** din il-Qorti sostniet li *"l-element tad-deterrent generali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha zzomm f'mohha fil-ghoti tal-piena, basta, s'intendi, li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fattispeci partikolari tal-kaz u l-piena erogata (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem****)"*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, fil-kaz in ezami tali proporzjonalita` tezisti. Inoltre permezz ta' din is-sentenza qieghed jitwassal messagg li reati bhal dak in kwistjoni jridu jibqghu jkunu puniti severament.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma fl-intier is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fis-6 ta' Dicembru 2002 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ronald Vella**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------